III

(Atti adottati skond it-Trattat ta' l-UE)

ATTI ADOTTATI SKOND IT-TITOLU VI TAT-TRATTAT TA' L-UE

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tat-28 ta' Jannar 2008

dwar il-konklużjoni f' isem l-Unjoni Ewropea tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera ma' l-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp ta' l-*Acquis* ta' Schengen

(2008/149/ĠAI)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 24 u l-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Presidenza,

Billi:

(1) Wara l-awtorizzazzjoni mogħtija lill-Presidenza, megħjuna mill-Kummissjoni, fis-17 ta' Ġunju 2002, in-negozjati ma' l-Awtoritajiet Żvizzeri, dwar l-assoċjazzjoni ta' l-IŻvizzera ma' l-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp ta' l-*Acquis* ta' Schengen ġew konklużi.

(2) Konformement mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/849/KE [1], u suġġett għall-konklużjoni tagħha f'data aktar tard, il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera ma' l-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp ta' l-*Acquis* ta' Schengen ġie ffirmat f'isem il-Komunità Ewropea fis-26 ta' Ottubru 2004.

(3) Il-Ftehim għandu issa jiġi approvat.

(4) Sa fejn għandu x'jaqsam l-iżvilupp ta' *acquis* ta' Schengen, li jaqa' taħt it-Titolu VI tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, id-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE tas-17 ta' Mejju 1999 dwar ċerti arranġamenti għall-applikazzjoni tal-Ftehim konklużż mill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' l-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawk iż-żewġ Stati ma' l-implimentazzjoni, applikazzjoni u zvilupp ta' l-*acquis* ta' Schengen [2], japplikaw, *mutatis mutandis*, għar-relazzjonijiet ma' l-Iżvizzera.

(5) Din id-Deċiżjoni ma tippreġudikax il-pożizzjoni tar-Renju Unit, taħt il-Protokoll li jintegra l-*acquis* ta' Schengen fil-qafas ta' l-Unjoni Ewropea anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/365/KE tad-29 ta' Mejju 2000 dwar it-talba tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq sabiex jieħu sehem f'uħud mid-dispożizzjonijiet ta' l-*acquis* ta' Schengen [3].

(6) Din id-Deċiżjoni ma tippreġudikax il-pożizzjoni ta' l-Irlanda, taħt il-Protokoll li jintegra l-*acquis* ta' Schengen fil-qafas ta' l-Unjoni Ewropea anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 dwar it-talba ta' l-Irlanda sabiex tieħu sehem f'uħud mid-dispożizzjonijiet ta' l-*acquis* ta' Schengen [4],

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera ma' l-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp ta' l-Aquis ta' Schengen, u d-dokumenti relatati li jikkonsistu fl-Att Finali, il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri dwar il-Kumitati li jassistu lill-Kummissjoni fl-eżerċizzju tas-setgħat esekuttivi tagħha, u d-Dikjarazzjoni Konġunta dwar laqgħat konġunti tal-Kumitati Mħallta huma hawnhekk approvati f'isem l-Unjoni Ewropea.

It-test ta' dan il-Ftehim, l-Att Finali, l-Iskambju ta' l-Ittri u d-Dikjarazzjoni Konġunta huma mehmuża ma' din id-Deċiżjoni.

[1] ĠU L 368, 17.12.2004, p. 78.
[2] ĠU L 176, 10.7.1999, p. 31.
[3] ĠU L 131, 1.6.2000, p. 43.
[4] ĠU L 64, 7.3.2002, p. 20.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni tapplika fl-oqsma koperti mid-dispożizzjonijiet elenkati fl-Annessi A u B tal-Ftehim u għall-iżvilupp tagħhom sa tali punt fejn dawk id-dispożizzjonijiet għandhom, jew, konformement mad mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/436/KE ([1]), ġew determinati li għandhom, bażi legali fi ħdan it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

Artikolu 3

Id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 1 sa 4 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE għandhom japplikaw, bl-istess mod, għall-assoċjazzjoni ta' l-Iżvizzera ma' l-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp ta' l-*Acquis* ta' Schengen, li jaqa' taħt it-Titolu VI tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

Artikolu 4

Il-President tal-Kunsill huwa hawnhekk awtorizzat sabiex jaħtar il-persuna li jkollha s-setgħa li tiddepożita f'isem l-Unjoni Ewropea l-Istrument ta' approvazzjoni previst fl-Artikolu 14 tal-Ftehim, sabiex jiġi espress il-kunsens ta' l-Unjoni Ewropea li tintrabat.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppublikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, 28 ta' Jannar 2008.

Għall-Kunsill

Il-President

D. RUPEL

([1]) ĠU L 176, 10.7.1999, p. 17.